MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Numru. 913/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Francis Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Spiteri, bin Saviour u Lucija neé Buttigieg, imwieled fis-26 ta' Mejju 1950 u residenti fil-fond numru 9, Gawhra, Triq it-Tin, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 46050(G) li gie akkuzat talli nhar is-Sibt 7 ta' Mejju

2011 ghal habta ta’ 07:30hrs u fil-jiem u l-gimghat ta’ qabel din id-data, gewwa Ta’ Cenc limiti tas-Sannat, Ghawdex;

1. waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

2. minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet ta’ kull ligi ohra kkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur, b’kull mezz, meta ma kienx fil-pussess ta’ licenzja valida mahruga mid-Direttur, u ma ssodisfax l-kundizzjonijiet kollha specifikati f’dik il-licenzja u f’kull ligi ohra u dan bi ksur tar-regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

3. biegh, offra ghall-bejgh, esebixxa ghall-bejgh, uza jew zamm trabokki, kemm bix-xibka kemm minghajrha, li l-uzu taghhom huwa pprojbit taht is-sub regolament (1)(f) tar-regolament 7 u dan bi ksur tar-regolament 7(2) tal-A.L. tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqa ma jirrizultax li t-tielet (3) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata. Mhux l-istess jista’ jinghad ghall-ewwel (1) u ghat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat. *Di fatti*, il-Qorti hija sodisfatta li dawn l-imputazzjonijiet, cioé l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet, gew sodisfacentement pruvati

Ghaldaqstant, il-Qorti, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat minnha u fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet, wara li rat Regolamenti 18(1)(c) u 12(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta,

issib lill-imputat hati taghhom u tikkundannah multa komplessiva ta’ tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€ 325.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------